IT-TIENI EDIZZJONI

# Lehen il-Malti

MAHRUĠ

MILL-*GĦAQDA TAL-MALTI* (UNIVERSITÀ)

**L-Ewwel Sena** **April 1931** **No. 2**

Stampât fl-"Empire Press" 266, Strada San Paolo — Il-Belt

# LEHEN IL-MALTI

MAĦRUĠ MILL-"GĦAQDA TAL-MALTI" (UNIVERSITÀ)

DIRETTURI: ROS. BRIFFA, B.SC. U ĠUŻÈ BONNICI, B.SC.

APRIL 1931 ] L-EWWEL SENA [ Nru 2

## BDEJNA TAJJEB

Għidu li tridu, iżda mita wieħed jara xogħolu milqugħ tajjeb, ma jistax ma jħossx ruħu ferħan u xi ftit imkabbar.

Ma noqogħdux nistaħbew wara subgħajna: l-ewwel għadd ta' "Leħen il-Malti" ingħoġob tassew, ingħoġob tant li ħafna bejjiegħa bagħtu jitolbuna bit-tużżani u aħna ma stajniex intuhom ħlief waħdiet. Il-ġurnali għollewna sas-seba' sema, ħafna ħbieb tagħna ma xebgħux jifirħu bil-"Għaqda tal-Malti" li twaqqfet ġo l-Università biex ixxerred il-Letteratura Maltija u tħajjar lill-gradwati u lill-istudenti ta' l-Università, il-qalb u l-moħħ ta' Malta, jaħsbu u jiktbu bil-Malti.

U nistgħu niżguraw lill-qarrejja tagħna, li din ix-xewqa u din ir-rieda tal-"Għaqda" tagħna bdiet isseħħ, għax ħafna studenti, li qabel qatt ma kienu ħolmu li jiktbu kelma bil-Malti u forsi kienu jistħu wkoll jidhru jaqraw xi kitba bi lsien'na, il-lum qegħdin jagħmlu minn kollox biex jiktbu xi ħaġa u jaraw isimhom imniżżel mal-kittieba ta' "Leħen il-Malti".

Din id-darba, id-Diretturi ta' din ir-Rivista, biex jilqgħu t-talba ta' ħafna min-nies, sejrin jistampaw sitt mitt kopja (mija iżjed mill-ħarġa ta' qabel). Għalhekk lil kull minn għoġobna, nitolbuh igħina biex inbigħuhom. Il-qliegħ li jiġi minnhom iservi biex kulltant il-"Għaqda" tagħna tistampa xi ktieb ta' xi wieħed minn sħabna.

Kif tistgħu taraw, bdejna tajjeb u tajjeb tassew, mela ma għandniex għax ma nissuktawx.

# BARRIN

*(Mill-Ingliż ta' Thomas Hardy.)*

Lejliet il-Milied; nofs-il-lejl,
"Da' l-waqt għar-rkobtejhom qegħdin"
Qal wieħed mill-kbar hemm kif konna
Mal-maġmar fid-dar miġburin.

Stħajjilna naraw dawk il-ġwejjed
Għoġiela fil-maqiel mifrux;
Ħadd min'na m'għaddielu minn rasu
Li hekk il-barrin ma kinux.

Fi żmienna ftit huma li jfanstu
Di' d-dehra sabiħa! Imma jien
Inħoss li 'kk xi ħadd f'dik il-lejla
Jgħid: "Imxu narawhom flimkien

L-ifrat għar-rkobtejhom fil-għura
Li, tfal, konna nżuru", hemmhekk
Jien miegħu immur qalb id-dalma
Fit-tama li jista' jkun hekk.

DUN KARM.

# THE OXEN

Christmas Eve, and twelve of the clock,
"Now they are all on their kness",
An elder said as we sat in a flock
By the embers in hearthside ease.

We pictured the meek mild creatures where
They dwelt in their strawy pen,
Nor did it occur to one of us there
To doubt they were kneeling then.

So fair a fancy few would weave
In these years! Yet, I feel,
If some one said on Christmas Eve,
"Come; see the oxen kneel

In the lonely barton by yonder coomb
Our childhood used to know",
I should go with him in the gloom,
Hoping it might be so.

THOMAS HARDY.

# QUDDIEM IL-MERA

Għalxejn !... Għalxejn !... Din il-maxta ma toqgħodlix, din it-terra ma' tridx taqbad... Kemm ħlejt flus għalxejn f'din it-terra, x'tama qawwija kelli fiha. Kienu qaluli li din it-terra tati lewn is-sema fi nżul ix-xemx, lewn ħamrani sabiħ u mitfi, lewn li jsaħħar; kienu żgurawni li din it-terra ġġedded il-ħajja fil-ħaddejn mitbiela, li din it-terra ċċekken u tagħmlek żagħżugħa mill-ġdid. U lil kullħadd !... Kullħadd !... Kullħadd !... Iżda mhux lili ! Kemm narani stramba biha.

Kemm narani kerha !... Imma possibbli li dawk il-għajnejn mitbiela li q'ed nara quddiemi, dawk il-għajnejn għajjiena u mitfija li q'ed nara jiffissawni fil-mera, dawk il-għajnejn huma tiegħi ?... Tiegħi ? !... Jien li nħoss tant ħajja tiġri ġo fija, jien li m'għandi sabar ta' xejn, li nħossni tant nervuża, possibbli li għandi dawk il-għajnejn mejta, dawk il-għajnejn ta' xiħa ? ! Kemm huma koroh... ċkejkna ċkejkna... żoroq... bla ħajja !... Li kelli għajnejn Biċe... jew Doris... jew Vivì... kemm kont inkun ferħana, kemm kont ingħid li xortija tajba... Dik Biċe kemm titkessaħ bihom, kemm taqlibhom, taf li għandha għajnejha sbieħ !... U dawk ix-xoftejn, irqaq irqaq u sofor, dak il-ħalq donnu qasma ta' sikkina, dak l-imnieħer bla sura !... Imma possibbli li dak il-wiċċ hu tiegħi, li dak il-wiċċ bla ħajja hu wiċċi, li dawk il-għajnejn, dawk ix-xoftejn, dak l-imnieħer huma għajnejja, xofftejja, imnieħri ? Jien li tant inħobb nitgħaxxaq bis-sabiħ, li tant inħobb infaħħar dak li hu magħmul sewwa, għaliex kelli niġi hekk, għaliex kelli ninzerta dis-sura ? Jien qatt ma ridt li nkun xi sbuħija, qatt ma ridt li kull fejn immur insaħħar lil kullħadd warajja, qatt ma ridt, qatt ma xtaqt li sbuħiti tagħleb is-sbuħija tat-tfajliet l-oħra. Ridt biss li ma nkunx wisq kerha, li ma nkunx nimbotta. Ridt inkun sabiħa biż-żejjed biex jieħu grazzja miegħi bniedem wieħed biss, biex jeħodni, biex jiżżewwiġni, biex jagħmilni tiegħu ! Għax jien inħoss tant qawwi ġo fija l-bżonn li nħobb u nkun maħbuba, il-bżonn li jkolli bniedem għal min nissagrifika ruħi, ix-xewqa li narani sidt ta' dari... Nixtieq li idejja tiġihom il-qawwa tassaħħara u nħoll u nagħmel mill-ġdid dan il-wiċċ li tant ġgħalni nġarrab, nixtieq li xewqti tiġi mitmuma u nsibni mibdula fil-bniedma tal-ħolm tiegħi... Nixtieq norqod raqda, raqda twila twila bla tmiem, u ninsa kollox, ninsa lill-ħbiebi, ninsa lili n-nifsi. U nħoss ġismi jinħall, ġismi jispiċċa fix-xejn u jitbiegħed jitbiegħed il-bogħod minni... U noħlom... Noħlom li q'ed narani fi ġnien, ġnien mill-isbaħ, u nsibni mdawra b'kull ma tista tixtieq il-qalb tal-bniedem. U nisma leħen mat-tħaxwix tal-weraq : "Ħu li trid, għażel li tixtieq qalbek". U jien inwieġeb: "Sinjur, li ma nafekx imma li mix-xeħta tista kollox.

Jien ma rridx għana, ma rridx frugħa. Irrid biss li nkun maħbuba, li nkun imdawra bl-imħabba, li nkun ġo dari fi ħdan imħabbit żewġi u wliedi. Għalhekk, Sinjur, għamilni sabiħa biex ngħoġob lil dak li għad ikun żewġi; biex insaħħar warajja dak li tixtieq qalbi". U jidhirli li q'ed inħoss sħana kbira ġo wiċċi, jidhirli li q'ed inħoss xi id moħbija tidlikli u tagħfasli u tirranġali wiċċi, jidhirli li q'ed inħoss isir miraklu ġo fija. Kemm insir sabiħa, għajnejn kbar u suwed, xofftejn mimlija u lewnit il-qrolla, imnieħer mislut, ħaddejn mil-lewn is-saħħa. Kemm inkun sabiħa. Imma jien ma rridx inkun sabiħa biex inġennen warajja lil ħafna min-nies, ma rridx inkun sabiħa biex nisboq bi sbuħiti lit-tfajliet l-oħra. Irrid biss insib wieħed, sabiħ u tajjeb daqs kemm pinġejtu fil-ħolm tiegħi, irrid biss insib wieħed li jkun iħobbni daqs dawl għajnejh, u miegħu ngħaddi ferħana fit-triq tal-ħajja ! Kemm inkun inħobbu, kemm inkun mitlufa warajh, kemm inkun...

Imma kemm jien belha. Insejt li jkolli nibqa' kif jien sa mewti ?... Kemm hu ikrah tqum, tistembaħ wara ħolma sabiħa !

ĠUŻÈ BONNICI

***********************

## TNEHIDA

*Lil M. B.*

Fis-sikta w fil-ħemda ta' lejla sajfija
Imżejna bil-ħlewwa tal-ogħna ħolqien;
Kont waħdi fuq blata, fix-xtajta tal-baħar
Miġbur fija n-nifsi u kollni ħosbien.

Fik naħseb kont qiegħed, li għall-ewwel darba
Kif għollejt għajnejja w lejk jien ħarist,
Bħal berqa li toħroġ minn bwieben is-sema
Lil qalbi bix-xrara ta' mħabba kebbist.

Tnehida minn fommi bla naf dlonk ħarġitli
W magħha mn'għajnejja dmugħ niżel bis-sħiħ;
In-niket w-id-dwejjaq imbagħad hemm qabduni;
Ftakart jien fl-imgħoddi li kien wisq sabiħ.

Qatt bħal dik il-lejla wġigħ ma ħassejt
Imħabba t-tifkira ta' dik li ħabbejt.

23—3—31 CARM. VELLA.

# ĠAKBU L-GĦAMA

Ġakbu l-għama kien miġjub wisq ir-raħal. Xi sold kellu għax niesu kienu tat-tajjeb u għalhekk ma kien idejjaq lil ħadd. Terġa', moħħu kien jilħaqlu ġmielu u n-nies erħilha għal għandu biex isserraħħha minn xi salib. U billi xi salib il-lum jew għada jiġi fuq kullħadd tista' tgħid li ma kienx hemm bniedem fir-raħal li ma kienx iħobbu lil Ġakbu.

Toni tal-Ħaġra biss kellu għalih... u bl-ikrah tassew. Ma kienx jista' jarah għaddej mit-triq itektek fuq daqxejn ta' għasluġ magħmul minn żokk ta' siġra, li ma jħossx demmu ibaqbaq u riġlejh jikluh biex ifixklu fi triqtu. Imma ħej in-nies għandha għajnha u lil Toni ftit jew xejn kienet taħmlu.

Mhux għax Toni tâ' min ilumu. Kif seta' jinsa x'ħarġa ta' ħmar ħarġu dak il-ħali ta' Ġakbu. Il-mewt biss setgħet tnessih.

Mela Toni, darba, sab ruħu fin-niexef u ħtieġlu jissellef kemxa flus minn għand Pawlu taċ-Ċnejs.

"Intihomlok fuq li ntihomlok" qallu lil Pawlu "għax raġel inti u raġel jiena". Imma Pawlu ġiebha bi kbira u ried ix-xiehda. Billi Toni kien tassew fil-bżonn ma qadx iġibha fit-tul, ix-xiehda ġew u l-ftehim sar quddiemhom.

Għadda żmien bi żmien u Toni m'hemmx li jħallas. Ir-riħ ħaraqlu wiċċ ir-raba' kollu, kien igerger, u ħabba li ħabba ma setgħax ilaqqat. Sa hawn kollox sew. Pawlu stenna ftit ieħor. Imma x-xitan dejjem ħabib tal-ħżiena. Tûl daż-żmien ix-xiehda mietu t-tnejn. Toni ħaseb li ġietu x-xoqqa f'moxtha. Beda jiċħad li ssellef il-flus.

Tistgħu taħsbu kif baqa' Pawlu. Bil-kemm ried jemmen li Toni ma kienx qgħed jiċċajta. Meta ra li Toni ssokta jiċħad, sibel bl-ikrah u beda jredden il-jum kollu x'sejjer jagħmel.

In-nies semgħet għax Pawlu ma kellux fommu sieket. Xi wħud qalulu biex iħarrek lil Toni. Imma Pawlu ma kienx ta' sebgħu f'ħalqu, fil-qorti ftit kien jafda. "Idewmuk ix-xhur u jekk tirbaħ erħilek tħallas spejjes kif ġie ġie."

Il-kappillan tar-raħal xamma tinten l-affari u beża' li jinqala' xi għawġ kbir. Ħadd wieħed wara l-quddiesa sab lil Pawlu u lil Toni. Tħabat biex iġgħalhom jiftehmu. Kollu għalxejn. Fl-aħħar qallhom: "Taf x'nagħmlu, ingħidu kollox lil Ġakbu u jaqtagħha hu". Pawlu ma qalx le. Lil Toni m'għoġbitux wisq imma bejnu u bejn ruħu qal: "U iva wara kollox la mietu x-xiehda Ġakbu x'jista' jagħmel?! Aħjar hekk milli mmorru quddiem il-Maġistrat. Toħroġ għaġeb dawn il-Maġistrati kemm huma ġrieden xjuħ. Il-kotba jgħidulhom kollox." Għalhekk Toni fl-aħħar qal iva huwa wkoll.

Erħewlha għal għand Ġakbu li kien q'ed jixxemmex fuq iz-zuntier. In-nies li rathom fl-imkien malajr fehmet x'ġej u bdew jitrassu dwar il-għama.

Pawlu u Toni bdew jitlewwmu quddiemu. Kull wieħed igħid tiegħu.

"Tajjeb", wieġeb Ġakbu, "Issa naraw, Alla qatt ma ħamel il-qerq. Min jagħmel is-sew, isib is-sew."

Dar lejn Pawlu u qallu: "Il-ftehim fejn sar?"

"Fuq ħaġra ħdejn il-għorfa tiegħi."

"Mela mur u ġibha." Pawlu qabad sa jgħid xi ħaġa, imma Ġakbu żammu u kellu jerħilha għall-għorfa. Toni beda jitbissem, donnu ser itir bil-ferħ.

Stenna u ġib min jistenna, il-ħaġra m'hemmx li tasal. Għaddiet kwarta, siegħa, sagħtejn u kullħadd beda jixba' jistenna.

"Wara kollox dil-ħaġra għal fejn" bdew igergru.

Toni ried jitlaq għax il-ħîn beda jagħfas sewwa. "Lè" qallu Ġakbu "inti tibqa' hawn sakemm Pawlu jġib il-ħaġra."

Toni telgħelu. "U x'ħaġra ħaġra ta' rasek" qabad igħajjat. "Kif tridu jġibha daqs kemm hi tqila."

Ma laħaqx spiċċa li Ġakbu ma darx fuqu. "Inqlejt b'żejtek, Ton, mela l-ftehim sar tassew. Newwel l-hawn il-flus tas-self."

In-nies daħket fuq li daħket u l-imsejken Toni kellu bħal ħmar inewwel il-flus. Minn dak in-nhar baqgħu jgħidulu "Tal-Ħaġra."

Iva, in-nies kollha ġġibu lil Ġakbu; Toni biss... eh Toni x'ma jixtieqx jagħmillu lil Ġakbu!

Ros. Briffa.

# TISWIJA

Fl-aħħar ħarġa qabżulna xi żbalji, li nixtiequ nsewwu.

Fil-Kumitat, fost il-membri ġibna l-isem ta' F. J. Ċauchi minnflok dak ta' Ant. Buttigieg.

Ħallejna barra wkoll, minn fost is-Sosterituri, l-isem tas-sur J. P. Vassallo.

Nittamaw li jaħfrulna.

# IX-XIĦ U L-MEWT

Raġel xwejjaħ bil-ħatab imgħobbi
Qajla tiela' mat-triq darba kien,
Taħt it-toqol tal-ħemel imgħawweġ,
Ġismu mkisser, imħeddel, għajjien.

Iżomm, jarġa' jimxi, jixxengel,
Jieħu nifs, jieqaf, jilheġ, bla ruħ,
Sa ma lemaħ gozz ħaġar fit-trejqa
Fuqu ntelaq bla saħħa, mitruħ.

"Mewt, ja mewt, int biss tista' sserraħni."
Qal imdejjaq... Il-mewt minnufih
Feġġet ħdejh kollha ħniena, biex tiġbru
Magħha u sserħu, l-imsejken ta' xiħ.

Malli ra' dal-gozz għadam imselsel
F'idha l-minġel, għajnejha mħaffrin,
Bdielu x-xiħ, beda jlablab bil-biża'
Irkubtejh u dirgħajh imregħdin.

"Jiena naf l'int ħanina, qalilha,
"Dak li tista' għamel miegħi l-aħjar,
"Fuq kitfejja dal-ħatab għabbili
"Ħalli narġa' għal triqti w għad-dar."

Daħket Ċensa, jekk Ċensa taf tidħak,
U għenitu, mbagħad qaltlu:... "Ħelwin
Dawn in-nies, waqt il-mewt jinsew, kollox,
Kemm batew u kemm kienu mdejjqin. !...

Int, mur għix il-jumejn li fadallek
Ridt ħelsin minn kull jasar natik,
Bati, mela, sa mita darb'oħra
Niġi waħdi, bla sejħa, għalik."

T. Z.

6-3-31

# ĦOLQIEN!

*Liż-żgħażagħ tal-"Għaqda tal-Malti"*

Ja sħaba, li timxi,
Maż-żiffa ħafifa
Tal-lejl tal-ħarifa,
Kemm ġejja mill-bogħod!

Jien naf l'int bint l-ilma
Tal-baħar kaħlani;
F'dak l-ajru fuqani
Tellgħetek ix-xemx!

Il-kesħa tax-xitwa
Trid tagħmlek għad ilma,
F'qawsalla għad tilma,
Fid-dija tax-xemx.

U tinżel bil-ħlewwa
Fuq l-art, li għatxana,
Dlonk tilqgħek ġo ħdanha
U treġġgħek mnejn ġejt.

* * *

Ja berqa li tiddi
Fix-xefaq sewdieni,
B'dawl sfiq jew demgħieni,
Li jgħammex l-għajnejn,

Int tnissel fil-baħri,
Nuqqas kbir ta' ħila,
Għax tħabbar taħbila,
Li ġġib it-telfien!

'Ma l-bidwi jixtieqek,
Dlonk b'tama qawwija,
Għax, b'xita bikrija,
Taħjilu l-uċuħ.

* * *

Ja baħar, x'int kiefer
Fil-qilla minn tiegħek,
Mîn jista' qatt miegħek
Jissara bir-rebħ?

Int taħbat għax-xtajta,
Ġfien kbar int tfarrakhom,
F'mewġietek tgħarraqhom,
Ta' kobor bla qies!

'Ma tilma bħal fidda,
F'xi lejla sajfija,
Milqut hemm mid-dija
Tal-ħâkem tal-lejl!

U l-bniedem, minn ħdanek,
Ta' ħutek mill-qtajja,
B'għerf jikseb għall-ħajja,
Kif għallmu l-Ħallieq!

DUN PIETRU PAWL. GRIMA.

# QORTI TAĦT ĦAJT

Ma nafx baqax min jafha, ħlief dak li qalhieli. Baqgħet dejjem ġo moħħi din il-ħrafa minn ta' misserijietna. Kollha hekk dawk il-ħrejjef: fihom id-daqxejn taċ-ċajt, iżda fihom ukoll it-tagħlima tagħhom. Ara din tfakkrekx f'dik tal-Kotba Mkaddsa ta' Salamun u 'ż-żewġ nisa li tlewwmu fuq ta' min kienet it-tarbija l-mejta, u ta' min il-ħajja.

Wistin kien jaħlef li dik ix-xkora maħluġ li naqsitu· Marozz kien indafar biha: kien rah għaddej bix-xkora fuq spalltu u x-xkejjer tiegħu Wistin kien jagħrafhom. Iżda xiehda ma kellux. Wasslu, lill-Marozz, u t-tnejn, meta wasal il-waqt, telgħu quddiem is-sindku.

Ma kienx hemm xi tgħid wisq. Wistin għamlu tiegħu: ħalef li ma kienx qiegħed igħid għajr is-sewwa. Iżda xiehda ma kellux: x'ridtu jagħmel, is-sindku?... U Wistin tilifha...

—Ħsibtu jien—qal minn taħt il-lsien xħin qabad biex joħroġ il-barra—u ħaqqni; għax kien messni qabbadt imħallef ta' taħt il-ħitan, u kont nirbaħha...

—Xinhu?—staqsa s-sindku.

—Xejn, sinjur — wieġeb Wistin — kont qiegħed ingerger waħdi, minn xortija, dik il-ħażina, li għandi...

—Min huma dawn l-imħallfin ta' taħt il-ħitan?—staqsa s-sindku.

—Nies xjuħ, sinjur—wieġeb Wistin bir-rogħda—li għandhom id-dehen tal-Bambin biex jagħirfu min hu ħati u min mhux. Jintasablek fuq ġebla taħt ħajt, u kull min imur quddiemu, malajr ikun jaf mnejn għandu jgħaddi biex jieħu li ħaqqu...

—Nixtieq inkellem lil xi wieħed — is-sokta s-sindku, li, milli jidher, ma kienx imħabbat wisq dak inhar—ħa' nara x'kien jagħmel għalik li kien minni.

—Issa li hemm hemm...—wieġeb Wistin imgeddem. U dar biex joħroġ. Iżda s-sindku żamm lil kull ħadd, għax ried jara u jisma lill-imħallef ta' taħt il-ħitan... Sabu wieħed u ġibuh quddiemu: daqxejn ta' xwejjaħ, ftit imgħawweġ biż-żmien, jitwieżen b'ħatar oħxon; għajnejh irqâq iżebbġu; bi tbissima fuq xofftejh.

Is-sindku daħaklu, qallu bil-biċċa tax-xkora maħluġ u staqsieh:

Kif kont tagħmel, nann, li kieku dawn it-tnejn ġew quddiemek, kif kont taqtagħha? Wistin ma għandu l-ebda xhud.

—Inti lil min rebbaħtha?—staqsih ix-xwejjaħ.

Lil-Marozz—wieġeb is-sindku.

—Iva 'l dak, anqas għandu Kuruna tar-Rużarju fil-bût!...

—M'għandix Kuruna?!... Ħa'—Qabes Marozz sħun, sħun. U malajr ħareġ Kuruna, qabada mid-Domna u xenxilha f'wiċċ ix-xiħ. Dak ħatafhielu minn idu, u dar lejn is-Sindku:—

—Ħa' qallu; ibgħad lil min jidhirlek għand il-mara ta' Marozz; għidlu juriha 'l Kuruna u jitlobha x-xkora ta' Wistin.

Hekk għamlu. Mar wieħed id-dar ta' Marozz, ħabbat u fetħet Rożi.

—Qallek Marozz, ibagħtlu dik ix-xkora ta' Wistin—qallha dak—Ħa' l-Kunura ta' Marozz biex temminni li hu bagħtni.

—Nemmnek ingħid—wieġbet Rożi mismuta... Ma għidtlux li jinqabad... Ħa' mmur inġibhielek...

Ma kienx hemm għalfejn, għax beżqet kollox, u mingħajr ma riedet qdiethom mill-aħjar, lil Wistin u l-ħabib tiegħu l-imħallef. Iżda x-xkora ġibitha wkoll; ta' Wistin, kollha kemm hi, għad li battala.

—Ħa'—qaltlu lir-raġel; din hi. Ħudhielu, u għidlu jfittex jiġi 'l hawn: narrah isalva ruħu!...

U rebaħha Wistin.

Ferd. Calleja.

***********************

# IT-TIENI LAQGHA

## ta' l-Għaqda tal-Malti (Università)

Is-sur F. J. Cauchi qara poeżija "*Barrin*" ta' Dun Karm Psaila, traduzioni mill-ingliż ta' Thomas Hardy *(The Oxen).*

Is-sur W. L. Faua qara poeżija tal-Prof. Sir Them. Zammit "*Ix-xiħ u l-mewt*".

Is-sur Ġużè Bonnici qara novella tiegħu: *Quddiem il-Mera*

Is-sur W. L. Fava qara poeżija ta' Dun P.P. Grima: "*Il-Ħolqien*"

Is-sur Ros. Briffa qara novella tiegħu: "*Ġakbu l-għama*".

Is-sur W. L Fava qara novella tas-sur Ferd. Calleja: *Qorti taħt ħajt.*

Is-sur Ros. Briffa qara poeżija tas-sur Carm. Vella: *Tnehida.*

Billi kien għad baqa' ftit tal-ħin is-sur Ros. Briffa qara poeżija tiegħu: "*Lill-għanja tiegħi.*"

# IL-GĦANA F'ĦALQ IL-MALTI

*(Jissokta ma ta' qabel)*

Il-Malti b'moħħu u b'qalbu mhux għana ta' mħabba biss jaf jislet, imma wkoll għana li bih inigges, jolqot fil-laħam il-ħaj, ingħidu aħna, xi xebba mkabbra li ma jogħġobhiex titħallat miegħu. Xejn ma jrid iż-żagħżugħ Malti biex minn din ix-xebba hu jitħallas b'din il-għanja.

"O lilek tal-gallerija
Idħol ġewwa aħseb dnubietek!
Ħutek koroħ kolla żżewġu
Int sabiħa ħadd ma riedek!"

Ma din inżidu għanja oħra; mhux daqsha qarsa, imma li tidrob ħafna lill-mara, dik li ħajjietha kollha, sa ma xgħarha jibjad, tfittex lil min ifaħħarha għal sbuħitha.

"Dik xuxtek la bambinella,
Mixħuta wara spallejk,
Xejn taħseb li jien irridek
Għax tarani nħares lejk!"

Issa nisimgħu għanja oħra ta' xebba sabiħa, midruba f'imħabbitha, li mitlufa f'demmha, tgħanni.

"Narraħ min kisirli qalbi
B'ħobż u ilma ma jixbax;
Jinxteħet ġo qiegħ ta' sodda,
Lejn wiċċi ma jħares ħadd!"

Jew din li ġejja:

"Narraħ min kisirli qalbi,
Joħduh b'seba kataletti.
L-imħadda tal-imsiemer!
Is-saqqu tal-istalletti!"

Żewġ għanjiet tas-sew koroħ fil-ħjiel, fix-xewqa li jfissru; żewġ għanjiet ta' xebba li daħku biha u li issa xejn ma tistor lil min ħaqarha, imma tagħmel ħabar, flejtu, biex kullħadd ikun jaf kif hi b'ħalqha titħallas minn min ħaqarha. Jekk ta' ftit siwi huma dawn il-għanjiet li jiena ġibt hawn, għal inqas huma jiswew biex juruna s-saħħa tal-għanja Maltija meta trid tfisser tqanqil ikraħ tal-qalb. Bil-għanja Maltija kull ħiel, kull ma jolqot il-qalb, jista' jitfisser.

Il-għanja tal-mibgħeda jew saħta ma tinstemax wisq f'artna; fejn id-Dîn nisrani jista' bl-akbar qawwa fuq kull tqanqil tal-qalb Maltija. Inħallu għalhekk il-għana tal-mibgħeda u mill-ġdid niġbru s-sagħtar, il-plejju u l-għasel mill-widien ta' Malta.

Inġibu quddiem għajnejna xbejba sabiħa; sniena bojod silġ, xoftejn ħomor, irqaq u żewġ għajnejn suwed li jdawlu wiċċ smajjar, imfaqqa', ħaddejn imfawra bil-lewn tas-saħħa. Nilmħuha tixxerref fit-tieqa biex tagħmel il-qalb lill-maħbub tagħha, li q'ed igħannilha waħdu, fejn il-ġnien ta' missierha jarmi dell iswed ma' tulek tliet darbiet. Hu jgħanni. Leħnu jogħla, u l-għanja toħroġ bħal għajta ferħana, miżmuma ż-żejjed ġo qalbu.

"Wiċċ ix-xemx meta tisponta,
Għajnejn il-kwiekeb ġerrejja,
Jew int sabiħa minnek
Inklelè jarawk għajnejja.

Għanja hi din li fiha xbihat sbieħ li fl-idejn ta' wieħed tassengħa jistgħu jintisġu f'għana ieħor, maħdum aħjar, imżewwaq aktar.

Għanja oħra li turina kif ix-xebba Maltija taf tħobb b'imħabba safja, mhux biss fil-ġid, imma fil-hemm ukoll, hi din li ġejja:

"Ħanini kalżrat fl-lmdina
Jien tlabt l'omni, mort narah;
Jien minn barra, u minn ġewwa
B'xi kelma nikkonsolah".

Fl-aħħar, qabel nagħlaq, irrid hawn niġbor għanja oħra, kif nifhem jien, isbaħ mill-għana li ġibt. Għanja ta' wieħed li, mbikki. jati ħarsa lejn iż-żmien l-imgħoddi; jara kif kollox jintemm u jitħarbat, u wrajh ma' jħallix ħlief demgħa u tnehida.

"Fejnu żmienek, ja ħerba!
Kont imdawra bil-lellux,
Ħitanek kollha waqgħu,
Ġejt imdawra bil-bebbux!"

Kemm il-darba, ja mara fqira, imsawta, bil-ġuħ, smajtek tgħanniha din il-għanja, b'qasma ta' qalb! Ix-xbubija li ħarbet! Il-mewt u l-għaks!

* * *

Għanni, ja Malti, għax ismek hu għanja minsuġa fi ġrajjiet artek; għanni l-imħabba; is-sbuħija; ix-xbubija u kulma jati ħajja u kburija, lill-ħolm ta' ħajtek. U sakemm xi ħadd jagħraf x'taf tgħid qalbek fil-għanja tiegħek, mhux għalxejn tkun għannejt inti; mhux għalxejn il-widien jisirqulek il-għajta ta' qalbek, u jxerduha mar-raħal fejn tgħix dik li inti tħobb!

ĠUŻÈ AQUILINA.

**ABBONAMENT**

6d. kull sitt xhur
1s. kull sena
Kopja wahda sold
Ghal barra minn
Malta id-doppju.